**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru: 108/2018 MLF**

**Ronald Pavia**

**vs**

**Luke Anastasi**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas dik is-somma rapprezentanti l-import tal-kambjala datata sittax (16) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014) koncernanti prezz ta' boroz ta' drapp ordnati, kkonsenjati u accettati mill-konvenut, liema kambjala giet accetata u sottoskritta mill-istess konvenut (Dok A anness mar-rikors promotur) u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut minn issa ingunt in subizzjoni, u liema import jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

(i) Illi fl-ewwel lok, u preliminarjament, ir-rikorrenti qabel jiftah din il-kawza kellu jhallas l-ispejjez marbuta mal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bin-numru ta' referenza 73/2017 CZ li thalliet sine die u giet dezerta, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konsenja mertu ta' din il-kawza u l-kambjala ezebita diga gew u/jew qed jigi ttrattati f'xejn inqas minn tlett

proceduri ohra u cioe il-kawza pendent quddiem din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet *Ronald Pavia vs Domenic Anastasi* (193/14 MF) li hija differita ghas-sentenza, il-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet *Ronald Pavia vs Luke Anastasi* (73/2017 CZ) li giet dezerta kif gja nghad, u kawza ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet *Ronald Pavia vs Luke Anastasi* (156/17 CSH) li ghaddiet in gudikat.

(iii) Illi dejjem in linea preliminari, fil-kawza bin-numru ta' referenza 193/14 MF inhatar espert kaligrafu li kkonkluda *inter alia* li l-firma fuq il-kambjala ezebita fl-atti odjerni hija falsifikata u ma hijiex tal-esponenti Luke Anastasi. Ghaldaqstant il-kambjala ma hijiex prova ammessibbli u ghandha tigi sfilzata mill-atti odjerni minn din il-Qorti.

(iv) Illi f'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju, l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi hu personalment qatt ma ghamel l-ebda negozjati u qatt ma dahal fl-ebda ftehim mar-rikorrenti. In-negozjati saru ma' missier l-eccipjenti Domenic Anastasi, li f'kull kaz ftiehm verbalment mar-rikorrenti fuq prezz ferm inqas minn dak li qed jigi reklamat permezz tal-proceduri odjerni, u liema prezz thallas fl-intier tieghu mill-istess Domenic Anastasi.

(v) Illi fil-meritu, l-azzjoni odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti qatt ma ordna, qatt ma gie kkonsenjat u qatt ma rcieva l-basktijiet tad-drapp mertu tal-kawza.

3. Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2022 li fih laqghet it-talba tal-konvenut tat-3 ta' Novembru 2021 u awtorizzatu jipprezenta risposta ulterjuri sabiex tigi eccepita n-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti.

4. Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut tal-24 ta' Jannar 2022, li fiha eccepixxa li din il-Qorti m'ghandhix kompetenza *ratione valoris* tiehu konjizzjoni tat-talba attrici, billi l-ammont mitlub ta' €2,900 jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

6. Il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghal digriet dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Dawn il-proceduri gew intavolati fl-4 ta' Mejju 2018 u jinsabu fl-istadju tal-provi tal-attur.

8. F'dan l-istadju il-konvenut issolleva eccezzjoni ulterjuri, u cioe li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione valoris* milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici.

9. Kif diga inghad dan id-digriet hu limitat ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti.

10. Il-kompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti hija regolata fl-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili, li jippreskrivi li din il-Qorti *"bhala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) … …"*

11. Pero l-Artikolu 56A tal-istess Kodici jkompli jghid hekk:

*"Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi l-qrati inferjuri ma għandhom jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar."*

12. L-Artikolu 3(2) tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta) jippreskrivi hekk:

*"Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) … …"*

13. L-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 380 jkompli jghid hekk:

*"Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta' beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro (€5,000), u kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal."*

14. L-Artikolu 748 tal-Kodici ta' Procedura Civili jghid hekk:

*"Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba -*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;*

*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."*

15. Ghalkemm fir-rikors promotur, l-attur ma jispecifikax b'mod dirett l-ammont li hu qed jippretendi li l-konvenut ghandu jtieh, fl-istess rikors huwa jghid li dan l-ammont huwa l-import tal-kambjala annessa ma' l-istess rikors. Ghaldaqstant isegwi, li fil-kaz odjern, il-valur tat-talba huwa determinat mill-ammont ta' din il-kambjala, li hija t-titolu li jghati kawza ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 748(b) fuq citat.

16. Il-kambjala mertu tal-proceduri odjerni hija fl-ammont ta' elfejn u disa' mitt Euro (€2,900), u ghalhekk taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Il-mertu tal-kawza odjerna mhux wiehed minn dawk elenkati fl-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 380, li jeskludi l-kompetenza tat-Tribunal f'lista ezawrenti ta' kazijiet.

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu rigward ir-rikors tal-konvenut biex jintavola l-eccezzjoni ulterjuri tal-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*, l-attur issottometta li f'dawn il-proceduri l-attur qed jikkontesta il-validita u l-ammissibilita tal-kambjala mertu tal-azzjoni odjerna. Huwa argumenta li allura l-kawza odjerna ma tistax tigi ritenuta semplici *money claim* (talba ghal flus) a tenur tal-Att dwar it-Talbiet Zghar, tenut kont li t-Tribunal m'huwiex adit sabiex jiddetermina kwistjonijiet koncernanti l-validita o meno tan-negozju kontrattwali bejn il-partijiet. Huwa jiccita in sostenn tat-tezi tieghu sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet **Raymond Mifsud vs Carmen Farrugia** deciza fid-19 ta' Ottubru 2005, fejn gie ritenut hekk:

*"(M)hux il-kaz li dan it-Tribunal jidhol fl-aspett dwar il-validita o meno tal-kambjala u f'kull kaz, konsiderazzjonijiet dwar l-istess eccezzjoni tezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal."*

A bazi ta' din is-sentenza, l-attur issottometta li hija dina l-Qorti li ghandha l-kompetenza necessarja sabiex tiddeciedi dan il-kaz.

18. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni tal-attur u lanqas dak li ntqal fid-decizjoni minnu citata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] fis-sentenza **Publius Micallef vs Sunroute Company Ltd** deciza fl-20 t'Ottubru 2003:

*"L-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-1995 li holoq it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jippreciza li t-Tribunal hu vestit bil-gurisdizzjoni "biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Jipprovdi, mbaghad, fis-subparagrafu (5) tal-istess Artikolu 3 ghal dawk il-kwestjonijiet li jesorbitaw mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal.*

*Imkien l-Att precitat ma jirrestringi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ma' kumplikazzjonijiet o meno tal-meritu tal-kaz specifiku. U allura la dan ma jinghadx espressament fl-Att, il-vera intenzjoni tal-legislatur ma tistax hlief tigi ricerkata mil-ligi nnifisha.*

*Il-prattika tal-Qrati li jfittxu elucidazzjoni mid-diskussjoni Parlamentari dwar ligi partikulari, ghalkemm hi prattika tajba u ben segwita, minn dejjem pero` giet rigwardata entro parametri ta' salvagwardi strettament delinejati.*

*Hekk ir-Ricci (Diritto Civile, Vol I parte 1a para 13) jaghmel din l-osservazzjoni:-*

*"Nel ricercare lo spirito della legge giovare tener presente le discussioni che hanno preceduto la formazione della legge e le relazioni delle commissioni e dei ministri; ma si guardi bene l'interprete dallo attribuire di una soverchia importanza a sifatti elementi di interpretazione … … L'interprete deve fermare la sua attenzione sui precedenti della legge e specialmente sul complesso delle sue disposizioni intese a regolare una data materia".*

*… …*

*Il-kwestjoni dwar jekk il-materja hijiex wahda ta' licenzjament jew ta' abbandun hi wahda ta' provi u tal-apprezzament dwarhom. Kwestjoni bhal din ma tistax tahrab la l-attenzjoni u wisq anqas il-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit biex jindaga dwarha.*

---

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti."*

19. Fil-kaz odjern, l-konvenut qieghed *inter alia* jikkontesta l-validita tal-kambjala in kwistjoni ghax qed jallega li l-firma fuqha hija falza. Din hija certament kwistjoni ta' provi u tal-apprezzament taghhom, u konsegwentement taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, u tiddikjara li hi inkompetenti *ratione valoris* illi tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici;

    2. Ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 741(1)(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**